31993R3199

L 288/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.11.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3199/93
tat-22 ta' Novembru 1993
dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi ta' taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u xorb alkoħoliku [1], u b'mod partikolari Artikolu 27(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għal taxxa tas-sisa u fuq iż-żamma, moviment u indukrar ta' tali prodotti [2], kif emendata mid-Direttiva 92/108/KE [3], u b'mod partikolari Artikolu 24 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Taxxi tas-Sisa,

Billi bis-saħħa ta' Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-alkoħol li jkun żnaturat kompletament skond il-ħtiġiet ta' xi Stat Membru, iżda sakemm dawn il-ħtiġiet ġew notifikati u aċċettati kif suppost skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu;

Billi ġew riċevuti oġġezzjonijiet għall-ħtiġiet notifikati;

Billi, għalhekk, skond il-ħtiġiet tal-paragrafu 4 tal-imsemmi Artikolu għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 24 tad-Direttiva 92/12/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isnaturanti li huma impjegati f'kull Stat Membru għall-iskopijiet biex jiġi żnaturat kompletament l-alkoħol skond Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE huma kif deskritti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

fit-22 ta' Novembru 1993.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 21.
(2) ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.
(3) ĠU L 390, tal-31.12.1992, p. 124.

ANNESS

Belġju

Ħames litri ta' metilina għal kull 100 litru ta' alkoħol *ethyl* irrispettivament mis-saħħa alkoħolika u kulurizzant biżżejjed biex jiġi prodott b'kulur blu markabbli tajjeb jew aħmar fil-vjola (vjola).

Is-segwenti huma inklużi fi ħdan it-tifsir tal-"metilina":

— il-metilina attwali, jiġifieri l-alkoħol tal-metilina prim prodott mid-distillazzjoni niexfa tal-injam u li jkollha mill-inqas 10 % bil-piż ta' aċetone,

— taħlita ta' metilina u metanol li jkollha mill-inqas 60 % bil-piż ta' metilina attwali u 10 % bil-piż ta' aċetone,

— taħlita ta' metanol, aċetone u impuritajiet piroġenetiċi b'kulur empiromatiku qawwi, li jkollha għall-inqas 10 % bil-piż ta' aċetone.

Danimarka

Għal kull ettolitru ta' alkoħol pur:

— 2 litri ta' *methylehtylketone*, u

— 3 litri ta' methylisobutylketone.

Ġermanja

Għal kull ettolitru ta' alkoħol pur:

(1) 0,75 litri ta' *methylethylketone*, li jikkonsistu f

— 95 sa 96 bil-piż ta' *methylethylketone*,

— 2,5 sa 3 bil-piż ta' *methylisopropylketone*,

— 1,5 sa 2 bil-piż ta' *ethylisoamylketone* (5-metil-3-heptanon)

flimkien ma' 0,25 litri ta' bażijiet *pyridine;*

(2) Litru ta' methylethylketone, li jikkonsisti f

— 95 sa 96 % bil-piż ta' *methylethylketone*,

— 2,5 sa 3 % bil-piż ta' *methylisopropylketone*,

— 1,5 sa 2 % bil-piż ta' *ethylisoamylketone* (5-metil-3-heptanon),

flimkien ma' gramm wieħed ta' *denatonium benzoate*.

Greċja

Ħames litri ta' alkoħol tal-metil għal kull ettolitru ta' alkoħol ethyl impur, biż-żjieda ta':

— 0,5 % żejt tal-lampi,

— 4 ppm metilina blu,

— 1 % żejt tat-trementina.

Spanja

Għal kull ettolitru ta' alkoħol pur:

— 1 gramma ta' denatonium benzoate,

— 2 litri ta' *methylehtylketone* (butanon), u

— 0,2 grammi ta' metilina blu (CI blu basiku 52015).

Franza

Għal ettolitru wieħed ta' alkoħol ethyl għal 90 % vol żid:

— 3,5 litri ta' metilina, u

— 1 litru ta' alkoħol isopropyl.

"Régie tip" - metilina

Definizzjoni:

Skond id-deċiżjoni ministerjali tas-7 ta' Mejju 1955, meħuda wara konsultazzjoni mas-servizz ta' laboratorju tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzi, *"régi tip"* metilina għandha tissodisfa s-segwenti ħtiġiet:

— għandha tirreġistra 90 % vol għal temperatura ta' 20 °C, b'tolleranza ta' 0,5,

— għandu jkollha għall-inqas 6 % impuritajiet piroġeniċi (ma jiġux ikkunsidrati l-prodotti illi jistgħu jinbiddlu f'sapun mis-soder u imfissrin bħala methyl acetate),

— għandu jkollha ketoni u ilma biex l-alkoħol tal-metilina jitla' għal 100,

— għandha tinkiseb esklużivament mill-karbonizzazzjoni tal-injam, li jsir taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa.

L-impuritajiet piroġeniċi huma l-isnaturant reali. Jagħtu lit-taħlita togħma spjaċevoli u jagħmlu l-alkoħol mhux tajjeb għall-konsum orali.

Minħabba fil-proprjetajiet kimiċi tiegħu, l-aċetone jagħmlu iżjed faċli, fil-laboratorju, biex ikun isolat l-isnaturant fl-alkoħol.

Fl-aħħarnett, l-alkoħol tal-metilina jindika l-isnaturazzjoni. Il-grad ta' togħlija tiegħu huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dak tal-alkoħol *ethyl*. Għalhekk jista' jiġi separat biss bl-użu ta' tekniċi speċjali u apparat.

Fil-prinċipju, l-preżenza tiegħu, 'l fuq minn ċertu persentaġġ, li jvarja skond it-tipi differenti ta' alkoħol ethyl, jindika jekk l-alkoħol analizzat kienx ġie żnaturat minn qabel mill-proċess ġenerali.

L-Irlanda

Spirti tal-metilina mineralizzati:

— 9,5 % injam nafta,

— 0,5 % piradin prim,

— 0,025 uqija metilina tal-kulur vjola (għal kull 100 glalen ta' alkoħol *ethyl* pur),

— 0,375 % żejt tal-petrolju.

NB: L-injam nafta u piridina prima jistgħu jiġu sostitwiti b'10 % ta' alkoħol metilina.

L-Italja

Għal kull ettolitru ta' alkoħol pur:

— 125 grammi ta' *tiofene,*

— 0,8 grammi ta' denatonium benzoate,

— 0,4 grammi ta' CI aċetu aħmar 51 (kolorant aħmar),

— 2 litri ta' methylehtylketone.

Lussemburgu

Ħames litri ta' metilina għal kull ettolitru ta' alkoħol ethyl irrispettivament mis-saħħa alkoħolika u kulurizzant biżżejjed biex jiġi prodott b'kulur blu markabbli tajjeb jew aħmar fil-vjola (vjola).

Is-segwenti huma inklużi fi ħdan it-tifsir tal-"metilina":

— il-metilina attwali, jiġifieri l-alkoħol tal-metilina prim prodott mid-distillazzjoni niexfa tal-injam u li jkollha mill-inqas 10 % bil-piż ta' aċetone,

— taħlita ta' metilina u metanol li jkollha mill-inqas 60 % bil-piż ta' metilina attwali u 10 % bil-piż ta' aċetone,

— taħlita ta' metanol, aċetone w impuritajiet piroġenetiċi b'riħa empiromatika qawwija, li jkollha għall-inqas 10 % bil-piż ta' aċetu.

L-Olanda

Għal kull ettolitru ta' alkoħol ethyl:

Ħames litri ta' taħlita li tikkonsistu f:

— 60 % bil-volum ta' metilina,

— 11 % bil-volum ta' żejt tal-azzarin (konċentrat ta' bi-prodotti tad-distillazzjoni tal-alkoħol),

— 20 % bil-volum ta' aċetone,

— 8 % bil-volum tal-ilma,

— 0,5 % bil-volum ta' *butanol,*

— 0,5 % bil-volum ta' formalina (soluzzjoni tal-ilma ta' 37 % bil-piż tal-formaldehyde),

flimkien ma' kolorant tal-kwantità u l-kostitwenti li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet imniżżlin mill-ispiżjar tas-Servizz Fiskali.

Il-Bażi tar-Renju Unit:

— 90 % vol ta' *etanol*,

— 9,5 % vol "injam nafta" (1), u

— 0,5 % vol piridin prim.

Għal kull 1 000 litru ma' liema jkun miżjud:

— 3,75 litri ta' nafta minerali (żejt tal-petrolju) u

— 1,5 ppm ta' metilina vjola.

(1) Injam nafta huwa prodott li jista' jkun sintetiku imma għandu jipproduċi tali kwalitajiet biex jagħmel taħlita ta' 5 % injam nafta b'95 % spirti mhux tajbin għall-użu bħala xarba. Dan jinkiseb billi jkun prodott "*cocktail*" relattivament kumpless imma stabbli ta' sustanzi li ma jistgħux jitneħħew faċilment mill-ispirti.
Komposizzjoni ta' "injam nafta"
M'hemmx lista preskritta ta' ingredjenti, imma ftit jew kollha mis-segwenti jinsabu fl-injam nafta sintetiku approvat:

— piridin,

— bażijiet tal-piridin,

— alkohol allyl,

— crotenaldehyde,

— picolene,

— denatonium benzoate,

— alkohol tal-metilina.